

Brussell, 17 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11761/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0215 (NLE)**

**FISC 189
ECOFIN 1026
SM 5**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 398 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 398 final.

Mehmuż: COM(2025) 398 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.7.2025
COM(2025) 398 final

2025/0215 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino (San Marino) dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali¹ (il-Ftehim).

Il-Ftehim jipprovdi l-bażi legali għall-iskambju awtomatiku reċiproku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u San Marino, f'konformità mal-Istandard Komuni ta' Rapportar (CRS, Common Reporting Standard) żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development). L-istess standard huwa implimentat fl-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE² (id-DAC 2 – l-ewwel emenda tad-Direttiva 2011/16/UE³ dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni – id-DAC, Directive on Administrative Cooperation).

Bidliet importanti fis-CRS ġew approvati fil-livell internazzjonali fis-26 ta' Awwissu 2022⁴ u se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226⁵ (id-DAC8) diġà implimentat dawn il-bidliet fl-Unjoni Ewropea u se tapplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2026.

Il-bidliet jestendu l-ambitu tas-CRS biex tiġi żgurata l-kopertura tal-prodotti ta' hłas elettroniku u l-muniti diġitali tal-bank ċentrali. Ikompli jtejjbu aktar il-proċeduri tad-diliġenza dovuta u l-eżiti tar-rapportar, bil-għan li jżidu l-kapaċità tal-użu tal-informazzjoni tas-CRS għall-awtoritajiet tat-taxxa u jllimitaw il-piżijiet fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji, meta jkun possibbli.

Sabiex jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u San Marino jkun allinjat mas-CRS aġġornat u jkompli jsir f'konformità miegħu mill-1 ta' Jannar 2026, kien meħtieġ li jiġu nnegożjati u miftiehma emendi korrispondenti tal-Ftehim.

F'Mejju 2018, beda japplika r-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, "GDPR", General Data Protection Regulation)⁶.

Sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim jirrifletti dawn l-aġġornamenti, kien meħtieġ li jitneħħew ir-referenzi għad-Direttiva 95/46/KE mħassra u li dawn ir-referenzi jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679. Fl-istess ħin, ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' San Marino dwar il-protezzjoni tad-data ġew aġġornati wkoll. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 tal-Ftehim kif ukoll is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data rigward it-trattament

¹ ĠU L 381, 28.12.2004, p. 33.

² ĠU L 359 tas-16 ta' Diċembru 2014, p. 1–29.

³ ĠU L 64 tal-11 ta' Marzu 2011, p. 1–12

⁴ https://www.oecd.org/en/publications/international-standards-for-automatic-exchange-of-information-in-tax-matters_896d79d1-en.html, paġni 62 sa 102.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L, 24.10.2023)

⁶ ĠU L 119 tal-4 ta' Mejju 2016, p. 1–88

tad-data pproċessata skont dan il-ftehim (l-Anness III) ġew kemxejn aġġustati biex il-formulazzjoni tiġi allinjata bis-sħiħ u tiġi żgurata konformità kontinwa mal-GDPR.

Deċizzjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehim li jikkonċerna l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino ġiet adottata fil-21 ta' Mejju 2024⁷.

Saru diversi ċikli ta' negozjati u ntlaħaq ftehim provviżorju f'Marzu 2025. Sussegwentement, l-abbozz tat-test tal-Protokoll Emendatorju ġie inizjalat mill-Kapijiet Negozjaturi fil-15 ta' Mejju 2025.

Il-Kunsill ġie infurmat b'mod konsistenti dwar il-progress fin-negozjati fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa u fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli. B'mod partikolari, it-test tal-abbozz tal-Protokoll Emendatorju ġie kondiviż u diskuss mal-Istati Membri qabel ma ġie inizjalat.

Il-Kummissjoni tqis li l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu ntlaħqu u li t-test innegozjat huwa aċċettabbli għall-Unjoni.

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali sar fi xxxx.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-emenda tal-Ftehim ġiet innegozjata f'konformità mad-direttivi ta' negozjati komprensivi adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Mejju 2024.

Il-Protokoll Emendatorju nnegozjat jiżgura li l-ftehim eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u San Marino jibqa' allinjat mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-istess qasam, b'mod partikolari d-DAC kif emendata bid-DAC8.

Id-DAC8 tinkludi, fost emendi oħrajn, l-aktar bidliet reċenti fis-CRS tal-OECD. Fid-dawl tar-relazzjoni mill-qrib f'dan il-qasam bejn l-Unjoni Ewropea u San Marino, huwa importanti li tissaħħaħ, fuq l-istess linji, il-kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet tat-taxxa tagħhom fil-qasam tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji. L-aġġornament f'waqtu tal-Ftehim jiżgura l-kontinwazzjoni bla xkiel u effettiva ta' din il-kooperazzjoni amministrattiva wara l-1 ta' Jannar 2026.

L-emendi tal-Ftehim iqisu wkoll il-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, minħabba li l-attivitajiet ta' Diliġenza Dovuta fir-rigward tal-Klijenti li għandhom jitwettqu mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji, bil-għan li tinġabar l-informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji li għandha tiġi skambjata skont il-Ftehim, se jkunu sostanzjalment allinjati ma' dawk li l-istess Istituzzjonijiet Finanzjarji jridu japplikaw bħala entitajiet marbutin b'obbligu skont il-qafas legali tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1489 tal-21 ta' Mejju 2024 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehimiet li jikkonċernaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino, rispettivament

Dan il-Protokoll Emendatorju jqis ukoll il-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data personali f'każ li din id-data tingħadda lil pajjiżi mhux tal-UE u mhux taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-partijiet li jikkonċernaw is-CRS, il-Ftehim innifsu jinkludi, fl-Artikolu 8, dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Partijiet Kontraenti jikkonsultaw lil xulxin f'kull okkażjoni meta tiġi adottata bidla importanti fil-livell tal-OECD għal kwalunkwe wieħed mill-elementi tas-CRS. L-Artikolu jipprevedi wkoll li wara dawn il-konsultazzjonijiet, il-Ftehim jista' jiġi emendat permezz ta' protokoll bejn il-Partijiet Kontraenti. Peress li fis-26 ta' Awwissu 2022 ġew approvati bidliet importanti fis-CRS fl-OECD, u f'konformità mal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni li tirriżulta mill-Ftehim eżistenti, il-Protokoll Emendatorju jimplementa l-bidliet kollha li huma meħtieġa biex jirriflettu l-bidliet korrispondenti fis-CRS. L-implimentazzjoni ta' dawk il-bidliet fl-Unjoni ġiet prevista permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Minħabba l-oġġettiv u l-komponenti ewlenin tal-Ftehim, il-bażi legali sostantiva ta' din il-proposta lill-Kunsill hija l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-Protokoll Emendatorju wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Minħabba li l-Artikolu 115 tat-TFUE huwa l-bażi legali sostantiva, il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu. Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni li tikkonkludi l-Protokoll Emendatorju hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tat-TFUE. Peress li l-Artikolu 115 tat-TFUE jirrikjedi unanimità għal att tal-Unjoni, il-bażi legali proċedurali għall-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għandha tinkludi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-TFUE.

• Kompetenza tal-Unjoni

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fejn ftehim jista' jaffettwa regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.⁸ Din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet minqax fl-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

L-Artikolu 3(2) tat-TFUE jipprevedi li, minbarra l-oqsma li fihom l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva elenkati fl-Artikolu 3(1) tat-TFUE, l-Unjoni “għandha wkoll kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġislativ tal-Unjoni, jew tkun meħtieġa sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita l-kompetenza interna tagħha, jew sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom”.

• Proporzjonalità

Il-Protokoll Emendatorju jħares il-prinċipju tal-proporzjonalità u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-aġġornament tal-Ftehim biex jiġu inkorporati l-bidliet fl-Istandard Komuni ta' Rapportar li għandhom jidhru fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2026. Dawn l-emendi se jippermettu lill-Istati Membri jkomplu bl-iskambju awtomatiku ta'

⁸ L-Opinjoni 3/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja, ECLI:EU:C:2017:114, il-paragrafu 118 u l-ġurisprudenza kkwotata fih

informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji ma' San Marino mingħajr interruzzjoni, u b'mod li jallinja mar-rekwiżiti l-ġodda tas-CRS, kif diġà inkorporati fid-DAC8.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal deċizzjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 6 tal-Artikolu 218 tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċizzjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta. Minħabba s-suġġett tal-ftehim previst, jixraq li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għal dak l-għan.

3. RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Skont l-għodda 7 tar-Regolamentazzjoni Ahjar⁹, ma hijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt, fost l-oħrajn, meta l-Kummissjoni f'it li xejn ikollha għażla fil-kwistjoni.

Din il-kundizzjoni hija ssodisfata f'dan il-każ peress li l-emendi tal-Ftehimiet eżistenti fir-rigward tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji jallinjaw bis-sħiħ mal-bidliet fis-CRS li ġew miftiehma fil-livell tal-OECD u li diġà ġew inkorporati fid-dritt tal-UE permezz tad-DAC8. Fl-aħħar nett, il-bidliet dwar il-protezzjoni tad-data sempliċiment għandhom l-għan li jaġġornaw ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-UE u ta' San Marino dwar il-protezzjoni tad-data u jiġu aġġustati kemxejn l-Artikolu 6 kif ukoll is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data inklużi fl-Anness III tal-Ftehim biex il-formulazzjoni tiġi allinjata bis-sħiħ u tiġi żgurata konformità kontinwa mal-GDPR.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Protokoll Emendatorju previst għall-Ftehim se jħares il-valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TFUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi previsti jkopru l-punti li ġejjin:

1. Emendi biex jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u San Marino skont il-Ftehim eżistenti jiġi allinjat mas-CRS aġġornat u jkompli jsir f'konformità miegħu mill-1 ta' Jannar 2026

L-emendi previsti jespandu l-ambitu tar-rapportar biex jinkludi prodotti finanzjarji diġitali ġodda, bħal Prodotti ta' Ħlas Elettroniku Speċifikati u Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali. Fl-istess ħin u bil-għan li jittejjbu l-affidabbiltà u l-użu tal-informazzjoni skambjata, l-emendi jintroduċu rekwiżiti tar-rapportar aktar dettaljati u proċeduri msaħħa tad-diliġenza dovuta.

⁹ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/br_toolbox-nov_2021_en_0.pdf

L-emendi fihom ukoll dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata interazzjoni effiċjenti bejn is-CRS u l-Qafas għar-Rapportar tal-Kriptoassi (CARF, Crypto-Asset Reporting Framework) separat żviluppat mill-OECD¹⁰. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħmluha possibbli li jiġu limitati l-każijiet ta' rapportar doppju, filwaqt li jinżamm ammont massimu ta' flessibilità operazzjonali tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti li huma wkoll soġġetti għall-obbligi skont il-CARF.

Dawn ir-rekwiżiti emendati ta' rapportar u ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni huma previsti fl-Artikoli 1–3 u fl-Anness I. Se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.

2. Aġġornament tar-referenza legali dwar il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-ispeċifikazzjoni ta' salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data

Ir-referenzi kollha għad-Direttiva 95/46/KE ġew sostitwiti b'referenzi għall-GDPR.

Fl-istess ħin, ir-referenza legali għal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data ta' San Marino ġiet aġġornata għal-Liġi Nru 171 tal-21 ta' Diċembru 2018. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 u s-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data inklużi fl-Anness III ġew kemxejn aġġustati biex il-formulazzjoni tiġi allinjata bis-sħiħ u tiġi żgurata konformità kontinwa mal-GDPR.

• **Test tal-Protokoll Emendatorju, dikjarazzjonijiet konġunti u notifiċi**

It-test tal-Protokoll Emendatorju huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta. It-test tad-dikjarazzjonijiet konġunti huwa ppreżentat flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, huwa f'idejn il-Kummissjoni li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Emendatorju, sabiex tesprimi l-approvazzjoni tal-Unjoni li tkun marbuta b'dak il-Protokoll Emendatorju.

¹⁰ https://www.oecd.org/en/publications/international-standards-for-automatic-exchange-of-information-in-tax-matters_896d79d1-en.html, paġni 8 sa 61.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹¹,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali¹² ("il-Ftehim") tejjeb l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali bejn il-Partijiet Kontraenti u tejjeb il-konformità fiskali internazzjonali.
- (2) Ġew approvati bidliet importanti fl-Istandard Komuni ta' Rapportar (CRS, Common Reporting Standard) fil-livell internazzjonali fis-26 ta' Awwissu 2022¹³ u dawn ġew introdotti fil-leġiżlazzjoni tal-UE bl-emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226¹⁴.
- (3) Għalhekk, il-Ftehim jeħtieġ li jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Repubblika ta' San Marino jkun allinjat mas-CRS aġġornat mill-1 ta' Jannar 2026 u jkompli jsir f'konformità miegħu.
- (4) It-test tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ("il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim"), li huwa r-riżultat tan-negozjati, jirrifletti kif xieraq id-direttiva ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill.

¹¹ L-Opinjoni ta' XXX (għadha mhix ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*)

¹² ĠU L 346 tal-31 ta' Diċembru 2015, p. 1–41; ĠU L 140 tas-27 ta' Mejju 2016, p. 1–2.

¹³ https://www.oecd.org/en/publications/international-standards-for-automatic-exchange-of-information-in-tax-matters_896d79d1-en.html, paġni 62 sa 102.

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L, 24.10.2023)

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) XXXX¹⁵, il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim ġie ffirmat fi XXXX soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹⁶
- (7) Jenħtieġ li l-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim u d-dikjarazzjonijiet konġunti meħmuża miegħu jiġu approvati f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar il-Ftehim u l-Annessi, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar ir-relazzjonijiet bejn San Marino u l-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-definizzjoni tal-Bank Ċentrali u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju huma b'dan approvati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) xxxx dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali (ĠU L XXXX)

¹⁶ Ir-Regolament (EU) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p.39–98)